REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/329

tat-2 ta' Marzu 2015

li jidderoga mid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-annimali u s-saħħa pubblika fir-rigward tal-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ikel ta' oriġini mill-annimali destinat għall-Expo Milano 2015 f'Milan (l-Italja)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari t-tielet inċiż tal-Artikolu 8(5), l-Artikolu 9(2)(b) u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([2]), u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ([3]), u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Italja se tkun qed tilqa' il-fiera universali msejħa "EXPO Milano 2015" li se ssir f'Milan mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru 2015. It-tema ċentrali ta' din il-fiera hija "Nitimgħu lill-pjaneta — Enerġija għall-ħajja". Huwa ppjanat li se jieħdu sehem madwar 150 pajjiż fl-"EXPO Milano 2015" u, skont it-tema, huwa mistenni li prodotti tal-ikel, fosthom il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, se jkollhom jiġu introdotti fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

(2) L-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali lejn l-Unjoni hija mogħtija lil pajjiżi terzi abbażi ta' għadd ta' rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li jqisu t-tħassib dwar is-saħħa tal-annimali u dik pubblika. Madankollu, mhux il-pajjiżi kollha li qed jieħdu sehem fl-"EXPO Milano 2015" huma kompletament awtorizzati biex jesportaw prodotti li joriġinaw mill-annimali lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, huwa opportun li jiġu stabbiliti ċerti derogi għar-rekwiżiti tas-saħħa għall-importazzjoni attwali sabiex tkun awtorizzata l-introduzzjoni ta' dawn il-prodotti esklussivament għall-fini tal-użu tagħhom fl-"EXPO Milano 2015".

(3) Fir-rigward tal-aspetti tas-saħħa tal-annimali, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jagħtu lok għal riskju ta' introduzzjoni ta' mard tal-annimali fl-Unjoni, bħal-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib u prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali, iridu jiġu importati fl-Unjoni biss jekk il-garanziji rilevanti kollha tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-importazzjoni jiġu sodisfatti. L-istess japplika għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali fi tranżitu mill-Unjoni sakemm jiġu trasportati f'pajjiż terz. Biex jiġu awtorizzati l-importazzjoni jew it-tranżitu mill-Unjoni, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali għandhom joriġinaw minn pajjiżi terzi elenkati speċifikament fil-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-annimali rilevanti għall-importazzjoni u jkunu għaddew mit-trattamenti speċifiċi stipulati fit-tali leġiżlazzjoni.

(4) Għaldaqstant, biex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, huma biss il-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Unjoni għas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni jew ir-rekwiżiti ta' tranżitu li għandhom ikunu awtorizzati li jidħlu fl-Unjoni għall-fini tal-użu tagħhom fl-"EXPO Milano 2015".

(5) Meta wieħed iqis ir-riskji li tinvolvi l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li mhumiex konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa pubblika tal-Unjoni u, fl-istess ħin, il-bżonn li tiġi protetta s-saħħa pubblika, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li dawk il-prodotti jkunu konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa pubblika tal-pajjiż terz tal-oriġini u li jkunu tajbin għall-konsum uman f'dak il-pajjiż. Dan jirriżulta fl-istess riskji li vjaġġaturi mill-Unjoni jiffaċċjaw waqt li jivvjaġġaw u li jikkunsmaw dawn il-prodotti fil-pajjiż terz rilevanti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti Taljani taw garanziji maħsuba biex jiġi evitat li r-riskji msemmija hawn fuq jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa tal-bniedem fl-Unjoni.

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([3]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

(6) Għaldaqstant, l-awtoritajiet Taljani għandhom jiżguraw li l-ebda wieħed mill-prodotti mhux konformi ma jiġi kkunsmat u mqiegħed fis-suq barra l-"EXPO Milano 2015".

(7) Meta jitqiesu r-riskji importanti għas-saħħa pubblika marbuta ma' molluski bivalvi, l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' molluski bivalvi f'kull forma destinati għall-"EXPO Milano 2015" għandha tkun permessa biss jekk dawk il-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Għal din ir-raġuni, dawn il-prodotti għandhom jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(8) Meta jitqiesu r-riskji għas-saħħa pubblika u tal-annimali rrappreżentati minn prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi li għalihom ġew jew se jiġu adottati miżuri ta' protezzjoni jew ta' ħarsien speċjali minħabba t-tħassib dwar is-saħħa pubblika u tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE ([1]), huwa xieraq li dawk il-prodotti jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(9) Sabiex jitnaqqsu r-riskji marbuta mal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, li ma jissodisfawx kull rekwiżit tas-saħħa pubblika u tal-annimali tal-Unjoni, dawk il-prodotti għandhom ikunu soġġetti għal miżuri stretti ta' kontroll u jkunu traċċabbli fl-istadji kollha ta' trasport, ħżin, twassil u rimi tal-fdal tagħhom jew skart u jintużaw biss għall-finjiet tal- "EXPO Milano 2015", u b'hekk tkun imwaqqfa l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom fl-Unjoni.

(10) Biex jippermettu li dawk il-prodotti jkunu jistgħu jidħlu fl-Unjoni u fl-istess ħin jiġi evitat it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni, dawn għandhom jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' importazzjoni temporanja skont l-Artikolu 576(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([2]) sakemm dawn jiġu kkunsmati fuq il-post fl-"EXPO Milano 2015" jew sakemm kull fdal ta' dawn il-prodotti jintrema f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) bħala materjal tal-Kategorija 1 jew jiġu esportati mill-ġdid. Fejn meħtieġ, qabel ma jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' importazzjoni temporanja, dawn il-prodotti għandhom jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikolu 91(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([4]) mill-punt fejn dawn ikunu daħlu fl-Unjoni lejn l-Italja. Il-konsum jew il-qerda ta' dawn il-prodotti għandhom jitqesu bħala esportazzjoni mill-ġdid f'konformità mal-Artikolu 582(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

(11) Barra minn hekk, biex ikun żgurat li dawk il-prodotti li ma jikkonformawx ma jitqiegħdux fis-suq tal-Unjoni, dawn għandhom jiġu ttrasportati direttament lejn l-"EXPO Milano 2015" jew, jekk ikun meħtieġ għal raġunijiet loġistiċi, lejn imħażen doganali approvati speċifikament kif stipulat fl-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 97/78/KE għall-ħażna intermedja qabel il-kunsinna aħħarija tagħhom għall-"EXPO Milano 2015".

(12) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabilità tal-prodotti mhux konformi li joriġinaw mill-annimali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-sistema kompjuterizzata veterinarja integrata (TRACES) introdotta bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE ([5]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-Sistema TRACES") għar-reġistrazzjoni tad-dejta rilevanti li tikkonċerna l-prodotti mill-mument tal-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni sakemm jiġu kkunsmati fis-sit tal-"EXPO Milano 2015" jew mormija wara tmiem l-avveniment.

(13) Sabiex jgħarrfu lill-viżitaturi u l-persunal tal-"EXPO Milano 2015" bir-riskju possibbli mill-konsum ta' kwalunkwe prodott li ma jikkonformax u biex jiżguraw li dawk il-prodotti ma jiġux ikkunsmati u mqiegħda fis-suq barra l-"EXPO Milano 2015" minħabba r-riskju li jistgħu jippreżentaw għas-saħħa pubblika, l-awtoritajiet Taljani għandhom jipprovdu informazzjoni li ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali li joriġinaw minn pajjiżi terzi ma jikkonformawx mal-istandards ta' saħħa pubblika tal-Unjoni iżda jikkonformaw biss mal-istandards tal-pajjiżi terzi rilevanti tal-oriġini u li l-konsum u l-bejgħ ta' dawk il-prodotti huwa projbit barra mis-sit tal-fiera "EXPO Milano 2015".

(14) Peress li l-"EXPO Milano 2015" se tkun avveniment temporanju, id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss għal perjodu limitat ta' żmien.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

([5]) Id-Deċiżjoni 2004/292/KE tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-introduzzjoni tas-sistema Traces u li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE (ĠU L 94, 31.3.2004, p. 63).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistipula deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar regoli tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali jew ikel li jkun fih dawk il-prodotti fl-Unjoni u li jkunu ddestinati għas-sit tal-fiera "EXPO Milano 2015" kif deskritt fil-punt 1 tal-Anness I ("Is-sit tal-fiera tal-EXPO Milano 2015").

Dan ir-Regolament ma japplikax għall-molluski bivalvi msemmija fil-punt 2.1. tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jew għall-ikel li ġej minn dawn l-annimali.

Dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' salvagwardja adottati f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/78/KE u fis-seħħ matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Rekwiżiti għall-prodotti maħsuba għas-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015"

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-introduzzjoni ta' kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali jew ikel li jkun fih dawk il-prodotti minn pajjiżi terzi jew stabbilimenti li minnhom l-importazzjoni ta' dawk il-prodotti jew ikel li jkun fih dawk il-prodotti lejn l-Unjoni ma tkunx permessa skont il-liġi tal-Unjoni, għall-fini tal-użu tagħhom fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" biss u jekk:

(a) ikunu ġejjin minn pajjiż terz li jkun se jieħu sehem uffiċjalment fl-"EXPO Milano 2015" u huma maħsuba għall-istand ta' dak il-pajjiż terz fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015"; u

(b) ikunu ppakkjati f'kontenituri ssiġillati jew pakketti li ma jippermettu l-ebda ħruġ tal-kontenut u jkunu mmarkati bil-kliem "għad-destinazzjoni esklużiva EXPO Milano 2015" bl-aħmar u l-abjad f'daqs li jinqara, proporzjonat mad-dimensjoni ta' dawk il-kontenituri jew il-pakketti; kif ukoll

(c) jekk ikunu elenkati fl-Anness II u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikunu awtorizzati għat-tranżitu mill-Unjoni f'konformità mar-rekwiżiti għat-tranżitu mill-Unjoni stabbiliti fl-atti legali msemmija fl-Anness II għal kull prodott li għandu japplika b'analoġija,

(ii) ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikat veterinarju għat-tranżitu jew il-ħażna stabbilit fid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Anness II għal kull prodott elenkat li għandu japplika b'analoġija,

(iii) ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Anness III,

(iv) ikunu mqiegħda taħt il-proċedura ta' importazzjoni temporanja skont l-Artikolu 576(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93,

(v) meta huma maħsuba biex jiġu mċaqalqa minn post ta' spezzjoni fil-fruntiera, li huwa elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE [1] jew fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi, barra mill-Italja lejn l-Italja, dawn jitqiegħdu għal dak il-għan, taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikolu 91(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 qabel jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' importazzjoni temporanja skont l-Artikolu 576(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 fl-Italja;

(d) jekk mhux elenkati fl-Anness II ikunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Anness III,

(ii) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet elenkati fil-punt (iv) u (v) tal-paragrafu (c) ta' dan l-Artikolu.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE tat-28 ta' Settembru 2009 dwar it-tfassil ta' lista approvata ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, li tistabbilixxi ċerti regoli dwar l-ispezzjonijiet mwettqa mill-esperti veternarji tal-Kummissjoni u tistabbilixxi l-unitajiet veterinarji fi TRACES (ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1).

Artikolu 3

Dħul tal-prodotti

Il-kunsinni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 2 għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jiddaħħlu fl-Unjoni minn post tal-ispezzjoni tal-fruntiera elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE jew fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi, u

(b) jiġu notifikati lill-post ta' spezzjoni fil-fruntieri tad-dħul minn tal-inqas jumejn ta' xogħol qabel il-wasla tagħhom.

Artikolu 4

Kompiti tal-post tal-ispezzjoni tal-fruntiera tad-dħul u tal-awtoritajiet tad-dwana kompetenti

1. Il-post tal-ispezzjoni tal-fruntiera tad-dħul għandu:

(a) iwettaq verifika tad-dokumenti u tal-identità kif stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 97/78/KE;

(b) jivverifika jekk il-kunsinni tal-prodotti msemmija fl- Artikolu 2 li joriġinaw minn wieħed mill-pajjiżi terzi li jkunu qed jieħdu sehem fl-"EXPO Milano 2015" huwa maħsub għall-istand tal-fiera ta' dak il-pajjiż terz fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015"; u

(c) joħroġ Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul (CVED) bis-sistema TRACES, destinat għall-unità veterinarja lokali ta' TRACES Milano Città IT03603 imsemmija fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE ("unità veterinarja lokali Milano Città IT03603") jew, f'każ li l-prodotti l-ewwel jintbagħtu lejn maħżen tad-dwana msemmi fil-punt 2 tal-Anness I, lejn l-unità ta' TRACES responsabbli mill-maħżen tad-dwana rilevanti;

(d) jiżgura li l-kunsinni jintbagħtu direttament lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Mialno 2015" jew lejn maħżen tad-dwana msemmi fil-punt 2 tal-Anness I;

(e) jippermetti t-tranżitu tal-kunsinni mhux koperti bl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [1] sakemm dawn jintbagħtu direttament lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" jew lejn maħżen doganali msemmi fil-punt 2 tal-Anness I;

(f) jiċħad jew jeqred il-prodotti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2.

2. Il-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul u l-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jiżguraw li:

(a) il-prodotti jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' importazzjoni temporanja f'konformità mal-Artikolu 576(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 sakemm jiġu kkonsmati fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" jew jiġu meqruda kif stipulat fil-punti 10 u 11 tal-Artikolu 7;

(b) fejn meħtieġ, il-prodotti jiġu mċaqalqa taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikolu 91(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 mill-punt fejn dawn daħlu fl-Unjoni lejn l-Italja qabel ma jitqiegħdu taħt importazzjoni temporanja.

Artikolu 5

Kompiti tal-postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera responsabbli mill-imħażen tad-dwana msemmija fl-Anness I

Meta l-kunsinni jkunu ntbagħtu lejn maħżen tad-dwana msemmi fil-punt 2 tal-Anness I, il-postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera responsabbli mill-imħażen tad-dwana għandhom:

(a) jiżguraw li l-kunsinni jintbagħtu mill-maħżen tad-dwana msemmi fl-Anness I direttament lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015";

(b) jiżguraw li l-kunsinni jiġu trasportati lejn s-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti f'vetturi jew kontenituri ssiġillati minn dawk l-awtoritajiet;

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

(c) jiżguraw li l-veterinarju uffiċjali fil-maħżen tad-dwana jinforma lill-unità veterinarja lokali Milano Città IT03603 fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015", permezz ta' TRACES tal-wasla pjanata tal-kunsinna fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015";

(d) jieħdu nota ta' u jirreġistraw l-informazzjoni riċevuta permezz ta' TRACES dwar il-wasla tal-kunsinna mill-unità veterinarja lokali Milano Città IT03603 fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015";

(e) jirreġistraw id-dejta msemmija fil-punt A tal-Anness IV fir-rigward tal-kunsinna mibgħuta lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015".

Artikolu 6

Kompiti tal-unità veterinarja lokali Milano Città IT03603 fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015"

L-unità veterinarja lokali Milano Città IT03603 fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" għandha:

(a) twettaq verifika dokumentarja u tal-identità fil-mument tal-wasla ta' kull kunsinna ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 2 fis-sit tal-fuera tal-"EXPO Milano 2015" u tivverifika l-integrità tas-siġilli u l-korrispondenza tal-kunsinni li jkunu waslu mal-informazzjoni fis-CVED fi TRACES;

(b) tiżgura li l-kunsinna hija effettivament introdotta fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015";

(c) tinforma lill-post ta' ispezzjoni fil-fruntiera tad-dħul jew lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera responsabbli mill-maħżen tad-dwana tad-dispaċċ permezz ta' TRACES bil-wasla tal-kunsinna fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" u l-integrità ta' dik il-kunsinna;

(d) tirreġistra d-dettalji msemmija fil-punt B tal-Anness IV li jikkonċernaw il-kunsinni rċevuti;

(e) tiżgura li l-ikel jintuża biss għall-wiri u/jew biex wieħed iduqhom fuq il-post.

Artikolu 7

Kompiti tal-unità veterinarja lokali Milano Città IT03603 wara l-wasla tal-prodotti fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015"

Ladarba l-kunsinni msemmija fl- Artikolu 2 jaslu fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015", l-unità veterinarja lokali Milano Città IT03603 għandha:

(1) iżżomm ir-reġistru msemmi fl-Artikolu 6(d) aġġornat b'informazzjoni dwar l-użu tal-kunsinni;

(2) tiżgura li l-kunsinni ma jirrappreżentawx alterazzjonijiet jew ħsarat evidenti li jistgħu jagħmluhom mhux tajbin għall-użu propost tagħhom;

(3) tikkonfiska u teqred il-kunsinni li, għal xi raġuni, ma jistgħux jitqiesu bħala xierqa biex wieħed iduqhom fuq il-post;

(4) tidentifika persuna fuq l-istand tal-fiera fejn se jiġu esposti l-prodotti li tkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fl-Artikolu 8(2);

(5) tinforma lill-persuna responsabbli msemmija fil-punt 4 bl-obbligi stipulati fl-Artikolu 8(2);

(6) tidentifika l-postijiet kollha fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015", fejn il-prodotti tal-kunsinna se jintwerew jew jintużaw biex wieħed iduqhom fuq il-post;

(7) tiggarantixxi t-traċċabilità sħiħa tal-kunsinni fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015";

(8) tiżgura li l-ikel jintuża biss għall-wiri u/jew biex wieħed iduqu fuq il-post;

(9) tiżgura li l-ebda prodott ma jinbiegħ jew ikun magħmul disponibbli għal dawk li jkunu qed iżuru jew jaħdmu fl-"EXPO Milano 2015" jgħal finijiet oħra għajr għall-wiri jew biex wieħed iduqu fuq il-post;

(10) tiżgura li l-kunsinni kollha jew partijiet minnhom li ma jkunux użati għall-wiri jew biex wieħed iduqhom fuq il-post jinġabru u jintremew bħala materjal tal-kategorija 1 f'konformità mal-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jew jiġu esportati mill-ġdid lejn pajjiż terz sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015;

(11) tiżgura li l-konteniturі speċjali li fihom il-kunsinni jew partijiet minnhom imsemmija fil-punt 10 ikunu jistgħu jħallu s-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" biss jekk ikunu ssiġillati ermetikament u destinati għall-post ta' destinazzjoni fejn il-materjal jintrema skont il-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jew jiġu esportati mill-ġdid lejn pajjiż terz sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015;

(12) fi tmiem l-"EXPO Milano 2015" u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, tinforma lill-awtoritajiet tad-dwana kompetenti dwar il-konsum jew ir-rimi tal-prodotti.

Artikolu 8

Obbligi tal-EXPO 2015 S.p.A. u l-esebituri tal-"EXPO Milano 2015"

1. L-EXPO 2015 S.p.A. għandha:

(a) tidentifika l-esebituri kollha preżenti fl-"EXPO Milano 2015" u l-awtoritajiet kompetenti lokali jkollhom aċċess għal-listi aġġornati ta' dawk l-esebituri;

(b) tidentifika għal kull esebitur persuna responsabbli mill-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-paragrafu 2;

(c) tipprovdi appoġġ loġistiku għat-trasport tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament lil strutturi fejn dawn jistgħu jiġu ttrattati kif stipulat fil-punti 10 u 11 tal-Artikolu 7.

2. L-esebituri tal-"EXPO Milano 2015" għandhom:

(a) jagħtu appoġġ loġistiku lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-ħażna tal-prodotti msemmija fl- Artikolu 2;

(b) jiżguraw li l-użu tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 2 ikun limitat għall-wiri jew biex wieħed iduqhom fuq il-post;

(c) jipprovdu fuq talba u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti, spazji separati u mezzi xierqa ddedikati għall-ħażna tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 2 li ma jintużawx għall-wiri jew biex wieħed iduqhom fuq il-post;

(d) jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe nuqqas ta' konformità jew kwalunkwe nuqqas ta' konformità possibiliment imminenti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati f'dan il-paragrafu;

(e) jiżguraw li kwalunkwe prodott imsemmi fl-Artikolu 2 li ma jintużax għall-wiri jew biex wieħed iduqu fuq il-post ikun rreġistrat u mormi kif stipulat fil-punti 10 u 11 tal-Artikolu 7.

Artikolu 9

Informazzjoni għall-viżitaturi u għall-persunal tal-"EXPO Milano 2015"

1. L-awtorità kompetenti Taljana għandha tiżgura li tal-anqas l-informazzjoni li ġejja għandha tintwera kemm għall-viżitaturi kif ukoll għall-persunal tal-"EXPO Milano 2015" fil-lokalitajiet tal-"EXPO Milano 2015" meta l-prodotti msemmija fl-Artikolu 2 jingħataw lill-pubbliku jew jintużaw biex jitħejja l-ikel li jkun se jingħata lill-pubbliku:

"Dan l-ikel fih prodotti li joriġinaw minn annimali li ġejjin minn pajjiżi barra l-UE u jikkonforma biss mal-istandards tas-saħħa pubblika ta' dawk il-pajjiżi. Il-konsum u d-distribuzzjoni ta' dawn il-prodotti huma projbiti barra s-sit tal-fiera tal-'EXPO Milano 2015'."

2. L-EXPO 2015 S.p.A. tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti Taljani l-għodod u l-ispazji meħtieġa għall-wiri tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Marzu 2015 sal-31 ta' Ottubru 2015.

Madanakollu, il-punti 10 u 11 tal-Artikolu 7, l-Artikolu 8(1)(c) u 8(2)(a) u (e) għandhom jibqgħu japplikaw sakemm il-prodotti kollha, jew partijiet minnhom, imsemmija fl-Artikolu 2 introdotti skont dan ir-Regolament ikunu ntremew f'konformità ma' dawk l-Artikoli sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

(1) **Is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015"**

Is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" (TRACES LVU: **Milano Città IT03603**)

(2) **Imħażen tad-dwana awtorizzati**

L-imħażen tad-dwana awtorizzati skont l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 97/78/KE mill-awtoritajiet kompetenti Taljani u ppubblikati fis-sit uffiċjali tal-Ministeru tas-Saħħa Taljan:

http://www.salute.gov.it

ANNESS II

Lista ta' prodotti u dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 2(c)

Deskrizzjoni tal-prodotti [1]	L-atti legali tal-Unjoni inklużi r-rekwiżiti għal tranżitu li għandhom jiġu applikati u l-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji rilevanti li għandhom jintużaw
Laħam	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 [2] inkluż il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Anness III tiegħu Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 [3] inkluż il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Anness XI tiegħu Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 [4] inkluż il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Anness III tiegħu
Preparazzjonijiet tal-laħam	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2000/572/KE [5] inkluż il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Anness III tagħha
Prodotti tal-laħam	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2007/777/KE [6] inkluż il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Anness IV tagħha
Ħalib u prodotti tal-ħalib	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 [7] inkluż il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fil-Parti 3 tal-Anness II tiegħu
Prodotti komposti	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 28/2012 [8] inkluż il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Anness II tiegħu
Bajd, prodotti tal-bajd	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 inkluż il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Anness XI tiegħu
Prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-akkwakultura	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 [9] inkluż il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Appendiċi IV u l-Anness VI tiegħu

(1) Il-prodotti msemmija fl-ewwel kolonna tat-tabella jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-atti tal-Unjoni korrispondenti mniżżla fit-tieni kolonna.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 tad-9 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom, għall-importazzjoni fil-Komunità, jew għat-tranżitu minnha, ta' laħam ta' leporidae selvaġġi, ta' ċerti mammali tal-art selvaġġi u ta' fniek imrobbija fl-irziezet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12).

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/572/KE tat-8 ta' Settembru 2000 li tfassal kundizzjonijiet dwar annimali u saħħa pubblika u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' kapuljat u preparazzjonijiet ta' laħam minn pajjiżi terzi (ĠU L 240, 23.9.2000, p. 19).

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 28/2012 tal-11 ta' Jannar 2012 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-importazzjoni għall-Unjoni u tat-tranżitu minn ġol-Unjoni ta' ċerti prodotti komposti u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE u r-Regolament (KE) Nru 1162/2009 (ĠU L 12, 14.1.2012, p. 1).

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 27).

ANNESS III

Mudell taċ-ċertifikat għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali jew ikel li fih dawk il-prodotti maħsuba għall-kunsinni għall-"EXPO Milano 2015"

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Pajjiż Telefown		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a. Numru ta' referenza TRACES
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Telefown		I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinna fl-UE	
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Pajjiż		I.12. Post tad-destinazzjoni Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Kodiċi postali/Reġjun	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz ta' transport Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Dokument		I.16. BIP tad-dħul fl-UE Isem Nru tal-unità BIP	
		I.17. Numru/i tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi SA)	
			I.20. Kwantità
I.21. Temperatura tal-prodotti Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐			I.22. Għadd totali ta' pakketti
I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur			I.24. Tip ta' imballaġġ
I.25. Prodotti ċertifikat bħala: Konsum mill-bniedem ☐			
		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-komodità (*)			

PAJJIŻ **EXPO 2015**

II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. Attestazzjoni sanitarja

Jiena, il-veterinarju uffiċjali/l-ispettur uffiċjali (*) hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li

— l-oġġetti koperti b'dan iċ-ċertifikat huma maħsuba biex jiġu introdotti fl-Unjoni Ewropea għall-għan esklużiv tal-użu tagħhom fl-"EXPO Milano 2015" u f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/329 u

— sa fejn naf jien, l-oġġetti msemmija hawn fuq huma tajbin għal konsum uman fil-pajjiż tal-oriġini.

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.8.: kodiċi tar-reġjun/territorju/żona (jekk xieraq) kif jidher fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 119/2009 u fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE.

— Kaxxa ta' referenza I.11.: post tal-oriġini: isem u indirizz tal-istabbiliment li jibgħat.

— Kaxxa ta' referenza I.12.: post ta' destinazzjoni: l-isem, in-numru tal-approvazzjoni u l-indirizz tal-maħżen tad-dwana fejn l-oġġetti huma permessi li jiġu maħżuna.

— Kaxxa ta' referenza I.15: in-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). Fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid għandha tingħata informazzjoni separata.

— Kaxxa ta' referenza I.19.: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 0201, 0202, 0203, 0204, 0205, 0206, 0207, 0208, 0209, 0210, 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307 (ħlief għall-molluski bivalvi skont il-kodiċi SA minn 030711 sa 030739, minn 030771 sa 030791), 0308, 0401, 0402, 0403, 0404, 0405, 0406, 0407, 0408, 0410, 0504, 0511, 1502, 1504, 1516, 1517, 1518, 1601, 1602, 1603, 1604, 1605 (ħlief għall-molluski bivalvi skont il-kodiċi SA minn 160551 sa 160556), 1702, 1806, 1901, 1902, 2103, 2104, 2105, 2106, 2202, 3501, 3502, 3503, 3504 u 3507.

— Kaxxa ta' referenza I.23.: Identifikazzjoni tan-numru tas-siġill / kontejner (fejn applikabbli biss).

— Kaxxa ta' referenza I.28: (*) Daħħal l-informazzjoni speċifika definita fil-mudelli taċ-ċertifikat veterinarju skont it-tip tal-prodott imniżżel fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/329.

Parti II:

Il-lewn tal-firma għandu jkun differenti minn dak użat għall-istampar. L-istess regola tapplika għal timbri oħra ħlief dawk imqabbża jew b'marka tal-ilma.

(*) Aqta' kif xieraq.

Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali (*)

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

ANNESS IV

Id-dejta msemmija fl-Artikoli 5(e) u 6(d) u fil-punt 1 tal-Artikolu 7

A. **Dejta li għandha tiġi rreġistrata fl-imħażen tad-dwana f'konformità mal-Artikolu 5(e) mill-post tal-ispezzjoni fil-fruntiera responsabbli**

Id-dejta li ġejja għandha tiġi reġistrata f'konformità mal-Artikolu 5(e):

(1) Data tal-wasla fil-maħżen tad-dwana;

(2) Deskrizzjoni tal-prodotti;

(3) Kwantità;

(4) Pajjiż terz ta' oriġini;

(5) Post tal-Ispezzjoni fil-Fruntiera (BIP) tal-UE tad-dħul;

(6) Numru tad-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul (CVED) iġġenerat minn TRACES u maħruġ fil-BIP tad-dħul;

(7) Numru tas-siġill magħmul mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-pajjiż terz ta' oriġini (Artikolu 2(b)) u rrappurtat fiċ-ċertifikat speċifiku tas-saħħa li jakkumpanja l-kunsinni kif stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(8) Numru tad-dokument ta' trasport doganali li taħtu l-kunsinni huma trasportati mill-BIP tad-dħul lejn il-maħżen tad-dwana awtorizzat;

(9) Dettalji ta' kuntatt tal-persuna responsabbli mill-kunsinna;

(10) Data tal-ħruġ tal-kunsinna/parti mill-kunsinna mill-imħażen tad-dwana awtorizzati lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015";

(11) Numru tad-dokument tat-trasport tad-dwana tal-kunsinna/parti mill-kunsinna li ntbagħtet mill-imħażen tad-dwana awtorizzati lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015";

(12) Natura tal-kunsinna/parti mill-kunsinna li ntbagħtet mill-imħażen tad-dwana awtorizzati lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015";

(13) Kwantità tal-kunsinna/parti mill-kunsinna li ntbagħtet mill-imħażen tad-dwana awtorizzati lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015";

(14) Numru tas-CVED maħruġ għall-kunsinna/parti mill-kunsinna li ntbagħtet mill-imħażen tad-dwana awtorizzati lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015".

B. **Dejta li għandha tiġi rreġistrata fl-istrutturi interni tal-"EXPO Milano 2015" f'konformità mal-Artikolu 6(d) u l-punt 1 tal-Artikolu 7**

Id-dejta li ġejja għandha tiġi reġistrata f'konformità mal-Artikolu 6(d) u l-punt 1 tal-Artikolu 7:

(1) Data tal-wasla fis-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015";

(2) Deskrizzjoni tal-prodotti;

(3) Kwantità;

(4) Pajjiż terz ta' oriġini;

(5) Post tal-Ispezzjoni fil-Fruntieri (BIP) tal-UE tad-dħul jew l-imħażen doganali awtorizzati li minnhom il-prodotti jkunu mibgħuta lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" (jekk applikabbli);

(6) Numru tad-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul (CVED) iġġenerat minn TRACES u maħruġ mill-BIP tad-dħul jew in-numru ta' CVED ġdid maħruġ mill-imħażen tad-dwana awtorizzati għall-kunsinna mibgħuta lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" (jekk applikabbli);

(7) Numru tad-dokument tat-trasport tad-dwana tal-kunsinna/parti mill-kunsinna mibgħuta lejn is-sit tal-fiera tal-"EXPO Milano 2015" mill-BIP tad-dħul jew mill-imħażen tad-dwana awtorizzati;

(8) Numru tas-siġill magħmul mill-awtoritajiet tas-saħħa u tad-dwana tal-BIP tad-dħul jew mill-awtoritajiet tas-saħħa u tad-dwana tal-BIP kompetenti għall-imħażen tad-dwana awtorizzati (jekk applikabbli);

(9) Kwantità ta' prodotti tal-kunsinna diġà użati għall-finijiet tal-"EXPO Milano 2015" (jiġifieri l-wiri jew li wieħed iduq fuq il-post);

(10) Kwantità li jkun fadal li tkun għada ma ntużatx.